

32005D0679

L 256/56

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

1.10.2005

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**  
**ta' l-20 ta' Settembru 2005**  
**li taħtar membru u membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni**

(2005/679/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Malti,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2002/60/KE <sup>(1)</sup> li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu li jibda mis-26 ta' Jannar 2002 sal-25 ta' Jannar 2006.
- (2) Post ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara li ntemm il-mandat tas-Sinjura Antonia FARRUGIA u post ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara li ntemm il-mandat tas-Sur Keith GRECH,

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*

Huma maħtura bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2006:

(a) bħala membru:

Is-Sinjura Claudette ABELA BALDACCHINO,  
(Viċi Sindku, Kunsill Lokali Qrendi);

in place of Mrs Antonia FARRUGIA;

(b) bħala membru supplenti:

Is-Sur Joe CORDINA,  
(Membru, Kunsill Lokali Xagħra).

in place of Mr Keith GRECH.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Settembru 2005.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
M. BECKETT

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 26.1.2002, p. 38.